MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Numru. 10/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Anthony Cauchi**

Numru: 10/2012

Illum 9 ta' April 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Anthony Cauchi**, ta' erbgha u sittin (64) sena, bin Francis u Marjanna neé Vella, imwieled il-Mellieha, nhar l-1 ta' Frar, 1947, residenti fil-fond

numru 70, Triq ix-Xaghra ta' Barra, Mellieha, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 221047(M), akkuzat talli:

1. nhar it-12 ta' Jannar 2012 ghall-habta ta' 13:00hrs, fil-kordinati 035° 59' 52 North, u 014° 20' 51 East, fl-ibhra territorjali Maltin meta bhala kaptan tal-kajjik bin-numru tar-registrazzjoni MFB 1468, kellu mwahhal mutur *out-board* tal-ghamla Tohatsu bin-numru seriali 24014XE, ta' 5HP, fuq din l-istess qoxra tal-bahar u dan bla ma kien irregistrat mal-awtoritajiet kompetenti, bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Avviz Legali 183 tal-2008 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 6).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet lix-xhieda prodotti mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2014, lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Josric Mifsud jirrimetti ruhu ghall-provi kif mismugha f'dawn il-proceduri.

Semghet is-sottomissjonijiet finali *da parte* tad-difiza (*a fol.* 60).

**Ikkunsidrat**

Illi, f'din it-taqsima, il-Qorti ser taghmel riferenza ghall-aktar xiehda saljenti li giet mismugha f'dawn il-proceduri.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2012, xehed **Marvin Cremona** (suldat mal-Forzi Armati ta' Malta – *a fol.* 9 *et seq*.). Spjega kif fit-12 ta' Jannar 2012 kien fuq il-*patrol boat* P 32 fejn kienet qed issir ronda u marru fuq MFB 1468, sabu lill-imputat u nstab li kellu *outboard* ta' 5hp li rrizulta li ma kienx registrat.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-imputat qalilhom li kellu l-karti kollha rigward il-mutur in kwistjoni u meta talbuh id-dokumenti wara xi jiem irrizulta li dan il-mutur ma kienx registrat. Jghid li l-mutur ma messux. Mistoqsi jghid jekk kienx qed jintuza jew le, jghid li ma jiftakarx. Mistoqsi wkoll jghid jekk l-imputat qalilhomx li l-mutur kien hemm f'kaz ta' emergenza, jghid li ma jiftakarx li kien qalilhom hekk.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **Paul Fenech** (*gunner* mal-Forzi Armati ta' Malta – *a fol.* 13 *et seq*.). Xehed fuq l-istess linji ta' Marvin Cremona. Qal li l-*outboard* in kwistjoni kien imwahhal fil-poppa ta' wara. Jghid li d-dghajsa kienet madwar nofs mil mic-Cirkewwa.

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li l-mutur in kwistjoni huwa wiehed zghir. Mistoqsi jghid jekk kienx qed jintuza jghid li

kien mitfi. Mistoqsi jghid ukoll x'qalilhom l-imputat, wiegeb li ma jiftakarx ezatt.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2012, xehed **Mario Tabone** (*Senior Fisheries Officer* fi hdan id-Dipartiment tas-Sajd – *a fol.* 17 *et seq.*) fejn ipprezenta rapport li gie mmarkat bhala Dok. "MT 1" (*a fol.* 19 *et seq.*)

Mario Tabone rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 31 *et seq.*) fejn qal li r-ritratti li jinsabu *a fol.* 23 sa 26 ma hadhomx hu pero dawn gew mehuda minn ufficjali minn Malta. Jghid li gew fil-pussess tieghu wara li gew mibghuta lilu minn Malta.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2012, xehed **Frans Caruana** (Ufficjal tas-Sajd fi hdan id-Dipartiment tas-Sajd – *a fol.* 34 *et seq.*) fejn qal li d-dghajsa MFB 1468 hija registrata b'magna *inboard* ta' 13.43 kilowatts u hija tal-ghamla *Ford*. Ra dokument "JM 1" u qal li dan huwa c-censiment tad-dghajsa MFB 1468.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk ladarba id-dghajsa in kwistjoni ghandha magna wahda biss jekk jistax ikollha magna ohra *spare* f'kaz ta' emergenza, iwiegeb: *"Jista' jkollu pero ma tkunx mehula [mwahhla] fejn suppost; trid tkun qieghda gewwa bhala rizerva, bhala safety"* (*a fol.* 35). Jghid li din ma tkunx trid taqbez il-*main engine* li f'dan il-kaz huwa 13.43 kilowatts. Mistoqsi jghid rigward magni ta' 5hp, jghid li din hija *auxiliary*. Mistoqsi jghid jekk din it-tip ta' magna hijiex registrabbli, jghid: *"Registrabbli imma f'dan l-istadju ma kinitx irregistrata"* (*a fol.* 36). Mistoqsi jghid min jirregistra dawn il-magni ta' 5hp, jghid li trid issir verifika mat-Transport Malta.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2013, xehed l-imputat **Anthony Cauchi** (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn qal li kien gie mwaqqaf mill-Forzi Armati ta' Malta u li meta mar id-Dipartiment tas-Sajd qalulu li l-mutur in kwisjtoni seta' jzommu mwahhal fuq gewwa. Jispjega li meta mar it-Transport Malta qalulu li ma kellux x'jaqsam maghhom. Jispjega li ibnu mar id-Dipartiment tas-Sajd, u semma lil certu Rita Spiteri, biex jirregistra l-mutur u qaltlu li dan il-mutur jista' jzommu fuq gewwa u mwahhal le. Jghid li l-mutur huwa 9.9hp. Jghid: *"jiena nzommu gewwa, meta dak inwahhlu wara hu biex inkun nista' jekk tieqafli l-magna"* (*a fol.* 45). Jghid li jwahhlu qabel f'kaz li jkun ser ikun ir-rih, per ezempju, ghax bic-caqliq ma twahhlux. Jghid li dakinhar tat-12 ta' Jannar 2012 il-bahar kien naqra bl-imbatt.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2013, xehed ukoll **Patrick Pollacco** (*Enforcement Manager* fi hdan Transport Malta – *a fol.* 47 *et seq.*) fejn qal li min-numru tar-registrazzjoni tad-dghajsa jirrizulta li din ma taqax taht dik il-kategorija li trid tigi registrata wkoll ma' Transport Malta. Jghid li bhala Transport Malta ma jirregistrawx muturi wahidhom pero jirregistraw id-dghajsa bil-mutur. Jikkonferma li f'dan il-kaz huwa d-Dipartiment tas-Sajd li jirregistra pero jghid ukoll li huwa nfurmat li d-Dipartiment imsemmi ma jirregistawx *outboards* pero jirregistra *inboards* biss.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2013, xehed **Reuben Cauchi** (*a fol.* 52 *et seq.*) fejn qal li huwa t-tifel tal-imputat. Jghid li huwa (Reuben Cauchi) registrat bhala kaptan u *skipper* tal-kajjik in kwistjoni li jghid li huwa attrezzat b'magna wahda *inboard* u minhabba c-cokon tieghu, peress li fih hmistax-il pied biss, m'hemmx spazju fejn toqghod magna ohra *auxiliary* (magna ohra *spare*). Jghid li, ghal ragunijiet ta' sigurta, dejjem hass il-

htiega li l-kajjik ikun attrezzat b'mutur iehor *spare*. Jghid li peress li m'hemmx fejn toqghod magna *inboard* ma kellux *option* ohra hlief li jixtri mutur *outboard*. Jispjega li meta xtara dan il-mutur mar id-Dipartiment tas-Sajd, gie riferut ghand certu Rita Spiteri, u qalulu li huma ma jaccetawx registrazzjoni ta' muturi *outboard* pero kellu jmur ghand Transport Malta. Jispjega li mar Transport Malta, tkellem ma' Pollacco li qallu li huma bhala Awtorita ma jaccettawx registrazzjonijiet ta' muturi ghax id-dghajsa hija MFB u taqa' taht id-Dipartiment tas-Sajd. Jixhed li rega' mar id-Dipartiment tas-Sajd fejn qalulu li jiddispjacihom u li huma ma jirregistawx muturi. Jghid li ghaldaqstant hass li dan il-mutur kellu jinzamm fuq id-dghajsa, ghalkemm ma jintuzax, sabiex f'kaz li tieqaf il-magna tkun tista' ssalva hajtek u b'hekk permezz ta' mutur 5hp tkun tista' tidhol lura qawwi u shih. Jghid li missieru huwa sid id-dghajsa.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta' din il-kawza huma semplici. Waqt li l-imputat kien fuq il-bahar bil-kajjik tieghu nstab li kellu mutur *outboard* ta' 5hp li jinghad li ma kienx registrat. Ma rrizultax li dan il-mutur kien qed jintuza dak il-hin tal-akkadut. L-imputat da parte tieghu jishaq li dan il-mutur kien wiehed *spare* sabiex f'kaz li tinholoq xi emergenza, per ezempju f'kaz li jieqaf jahdem il-mutur principali, ikun jista' juzah.

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat li bhala *"kaptan tal-kajjik […]"*. Ma rrizultax mill-atti li l-imputat kien il-kaptan tal-kajjik in kwistjoni. Irrizulta li huwa s-sid u li l-kaptan huwa ibnu Reuben Cauchi. Dan jirrizulta b'mod partikolari mid-dokument ezebiet mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-27 ta'

Novembru 2012, li gie mmarkat bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 39 *et seq.*).[1]

Illi l-Qorti tinnota wkoll li l-kajjik tal-imputat huwa dak li jidher f'ritratti *a fol.* 24 u 25. Jirrizulta li l-mutur in kwistjoni nstab fuq wara tal-kajjik. Mill-provi mismugha rrizulta li f'kaz ta' mutur *spare* dan kellu jitwahhal fuq gewwa. Dan qalu Frans Caruana, Ufficjal tas-Sajd (*a fol.* 35). M'hemmx dubju li fil-kaz odjern il-mutur in kwistjoni ma setghax jigi mwahhal gewwa u dana ghar-raguni li l-kajjik m'ghandux gewwa!!

Illi meta l-Ufficjal tas-Sajd imsemmi, Frans Said, gie mistoqsi min jirregistra l-magni ta' 5hp, ighid li trid issir verifika mat-Transport Malta. Da parte tieghu, l-*Enforcement Manager* fi hdan Transport Malta, Patrick Pollacco, xehed li bhala Transport Malta ma jirregistrawx muturi wahidhom pero jirregistraw id-dghajsa bil-mutur. Pollacco, meta kien qed jitkellem fuq dak li jissejjah bhala *auxiliary engine*, ighid ukoll: *"fuq dan ma jirrikjedix li jrid jigi registrat ukoll"* (*a fol.* 48).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-mutur *out-board* li jsir riferenza ghalih fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat kellu jigi registrat ma' xi awtorita' li anqas ma jirrizulta liema awtorita hi.

[1] Dan huwa l-istess dokument li gie ezebiet fis-seduta tal-25 ta' April 2012, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "MT 1" – *a fol.* 19 *et seq.*)

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti mhijiex sodisfatta li effettivament il-provi li gew prodotti quddiemha jistghu jwasslu ghal sejbien ta' htija fl-imputat ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, ma ssibx lill-imputat Anthony Cauchi hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------